MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 5/2001/1

**George Muscat**

vs

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tal-Appell imressaq mid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali fis-6 ta' Ġunju, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija qiegħed jikkontesta deċiżjoni (Nru. 141/01) mogħtija fl-20 t'April, 2001, mill-Arbitru maħtur taħt is-setgħat tal-Att X tal-1987, li biha laqa' appell ta' George Muscat biex iħassar deċiżjoni tad-Direttur li jżomm il-ħlas ta' Benefiċċju għal Mard għal dak iż-żmien li Muscat kien barra minn Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-appellat George Muscat fil-25 ta' Ġunju, 2001, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija tenna li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud;

Rat in-Nota mressqa mid-Direttur appellant fis-6 ta’ Ġunju, 2001[1], li magħha kien hemm mehmuża kopja tal-inkartament tal-proċediment quddiem l-Arbitru fil-każ tal-appellant;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-appellant, u dan billi l-appellat, għalkemm notifikat, la deher u lanqas jidher li ħatar avukat biex jgħinu;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

***Ikkunsidrat:***

Illi d-deċiżjoni appellata tgħid hekk;

“Dan l-appell jaqra hekk:-

*“Bil-prezenti inressaq appell ghad-decizjoni tad-Direttur tas-Servizzi Socjali li johrog li ghajnuna dwar mard mit-23 ta’ Dicembru 1999 u jichadli l-istess ghajnuna dwar il-perjodu 8.10.99 sa 22.12.99.*

*Nesponi bir-rispett li kif spjegajt fl-ittra tieghi lid-Direttur tat-23 ta Dicembru 1999, bejn l-14 ta’ Ottubru u it-18 ta’ Dicembru 1999 mort l-Indja wara li hadt parir mediku u minflok ic-certifikat ta’ kull gimgha mic-Centru tas-Sahha bghatt lid-Direttur certifikat mill-konsulent tieghi, Dr. Ethel Felice (Psikjatra).*

*Ma narax ghaliex wara li gejt mitlub nissottometti dan ic-certifikat, l-istess certifikat gie mwarrab u giet mehuda d-decizjoni li jien nithallas mit-23 ta’ Dicembru 1999 minflok mit-8 ta’ Ottubru 1999.*

*Ghaldaqstant nitlob decizjoni mill-Arbitru li l-ghajnuna ghandha tithallas lili wkoll ghall-perjodu 8 ta’ Ottubru 1999 sa 22 ta’ Dicembru 1999.”*

Risposta tad-Direttur:-

[1] Paġġ. 5 sa 30 tal-proċess

*“B’referenza ghal dak li gie sottomess verbalment mill-appellant waqt is-seduta li nzammet fit-12 ta’ Lulju 2000 id-Direttur jghid li:*

*a) L-Artikolu 98 (1) (ii) li “... meta talba ghal Beneficcju ghal Mard issir filwaqt li persuna tkun qieghda temporanjament barra minn Malta, il-hlas ta’ dak il-beneficcju ghandu jsir bl-arretrati f’somma wahda shiha kemm jista’ jkun malajr wara li dik il-persuna terga’ lura Malta;...” Dan il-hlas ma jsirx fil-ghama imma kemm il-darba l-persuna koncernata tipprezenta dokumenti relattivi mahruga minn xi persuna fil-professjoni medika tal-pajjiz fejn dik il-persuna tkun qieghda temporanjament.*

*b) Jinholqu kazijiet fejn it-talba ghal Beneficcju ghal Mard issir hawn Malta u l-persuna milquta thoss il-bzonn li tmur fxi pajjiz barrani peress li l-mezzi kurattivi fMalta huma jew inferjuri jew ma jezistux. Il-persuna koncernata tista’ taghmel dan fuq inizzjattiva privata fl-ewwel kaz jew tista’ tintbaghat ghas-spejjez ta’ l-istat fit-tieni. Fiz-zewg kazi l-perjodu li din taghmel barra mill-pajjiz jitqies bhala kontinwazzjoni tat-talba ghal Beneficcju ghal Mard kemm ’il darba jigu prezentati d-dokumenti indikati izjed ’il fuq.*

*Il-kaz ta’ l-appellant ma jissodisfax dawn il-provedimenti. Fi kliem iehor l-istess l-appellant hu ma marx l-Indja principarjament minhabba l-istat ta sahhtu imma biex japprofitta ruhu minn seminar jew course li kien jittratta suggett marbut max-xoghol li kien jaghmel qabel ma gie boarded-out. Waqt il-mawra tieghu fdak il-pajjiz l-appellant ma kienx qieghed taht kura medika esperta attiva u ghalhekk m’hux f’pozizzjoni li jipproduci d-dokumenti necessarji li fl-assenza taghhom il-perjodu relattiv ma’ jistax jitqies bhala kontinwazzjoni tat-talba ghal Beneficcju li l-bidu taghha kien waqt li hu kien hawn Malta.”*

Fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2000 l-Arbitru iddiferixxa l-kaz ghad-decizjoni b’dan li l-kaz kellu jigi riferut lill-panel mediku inkluz psikjatra.

Permezz ta’ nota tat-23 ta’ Novembru 2000 id-Direttur talab ir-revoka tar-referenza lill-bord mediku ghaliex sostna li l-mertu ta’ dan l-appell m’ghandu l-ebda rilevanza ghall-aspett mediku ta’ l-applikazzjoni ta’ l-appellant.

L-artikolu 98 (1) (ii) ta’ l-Att jipprovdi illi:-

*“**98.** (1) Meta xi persuna jkollha dritt ghal xi pensjoni, beneficcju, allowance jew ghajnuna taht dan l-Att , il-hlas ghandu jsir*

*(ii) Beneficcji ghal Mard, Korriment u Disimpieg u Beneficcju Specjali ghal Disimpieg, jew Ghajnuna Socjali ghal min ikun minghajr xoghol, bl-arretrati fdawk l-intervalli li d-Direttur jista’ minn zmien ghal zmien jistabilixxi b’dak il-mod illi, meta talba ghal Beneficcju ghal Mard issir filwaqt li persuna tkun qieghda temporanjament barra minn Malta, il-hlas ta’ dak il-beneficcju ghandu jsir bl-arretrati f’somma wahda shiha kemm jista’ jkun malajr wara li dik il-persuna terga’ lura Malta;”*

Skond l-Att persuna ma hiex eskluza li tircevi beneficcju ghall-mard jekk tkun qeghda “temporanjament barra minn Malta”. Fin-nota tieghu tat-18 ta’ Settembru 2000 id-Direttur issottometta illi sabiex beneficcjarju jibbenifika minn dak provdut bl-artikolu fuq citat huwa necessarju li l-mawra barra minn Malta tkun “principalment minhabba l-istat ta’ sahtu.” Ghalhekk skond id-Direttur, una volta l-appellant mar l-Indja sabiex isegwi kors qasir ta’ studju jiskwalifikah awtomatikament milli jibbenifika mill-beneficcju tal-mard fil-perjodu li dam assenti minn Malta.

Fin-nota tieghu tat-23 ta’ Novembru 2000 id-Direttur jirreferi ghall-Artikolu 97 (1) (b) li jipprovdi illi:-

*“**97.** (1) Tkun kundizzjoni tal-jedd ta’ xi persuna ghal xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna moghtija taht id-dispozizzjonijiet ta dan l-Att li –*

*(b) tipproduci dawk ic-certifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda ghall-fini li jigi stabbilit il-jedd*

*taghha ghal dak il-beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna li d-Direttur jista', minn zmien ghal zmien, jehtieg u ghal dak il-ghan tmur f'dak l-ufficcju jew post kif id-Direttur jista' jistabilixxi."*

Skond il-formola tat-talba ghal beneficju ghall-mard hemm din in-nota:-

*"Importanti: Jekk tahseb li l-marda ser iddum aktar minn sitt ijiem iridu jsiru certifikati darba fgimgha. Dan ic-certifikat irid jasal fid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali fi zmien ghaxart ijiem mid-data ta' l-ezami."* Dan ifisser illi fil-kazijiet normali din il-formola iccertifikata mit-tabib trid issir "darba f'gimgha". Il-punt ghalhekk li jrid jigi deciz fl-appell odjern huwa xinhi l-posizzjoni fkaz li persuna li qed tapplika ghall-beneficcju ghall-mard issiefer temporanjament. L-appellant ipprezenta certifikat mediku tal-psikjatra Dr. Ethel Felice fejn hemm dikjarat li "*As part of the treatment he was advised to take up a course in India.*" Persuna li tkun marida u ssiefer barra minn Malta ma hiex fpozizzjoni li tipprezenta certifikat fuq il-formola preskritta darba fil-gimgha. Pero` l-Att dwar is-Sigurta` Socjali jipprovdi illi persuna ma titlifx id-dritt ghall-beneficcju ghall-mard bil-fatt biss li ssiefer temporanjament minn Malta. Kull kaz irid jigi ezaminat skond il-fattispecie tieghu.

Ghalhekk anke fil-kaz prezenti l-qofol ta' l-appell huwa jekk l-appellant kienx tajjeb ghax-xoghol fil-perjodu li kien l-Indja tenut kont tac-certifikat mediku redatt mill-Psikjatra Felice.

Il-Bord Mediku ezamina lill-appellant u ccertifika li "As claimant had been boarded-out from work because of his mental state and in view of the fact that he was already under treatment before the ....... In the opinion of the Medical Panel, Dr. Felice's certificate should be sufficient proof." Jirrizulta ghalhekk li l-bord mediku qabel mal-konkluzzjonijiet tal-psikjatra Felice.

L-Arbitru ezamina n-noti pprezentati mill-partijiet wara l-prezentata tar-rapport mediku u huwa tal-fehma li fic-

cirkostanzi l-appellant ghandu dritt ghall-beneficcju ghall-mard ghall-perjodu mit-8 ta’ Ottubru 1999 sat-22 ta’ Dicembru 1999 u bhekk jilqa’ dan l-appell.”

Illi l-appellant iħoss ruħu aggravat mill-imsemmija deċiżjoni għar-raġuni ewlenija li l-Arbitru, fid-deċiżjoni appellata, skarta għal kollox u bla raġuni tajba kemm x’tgħid il-liġi u kif ukoll x’jistabilixxu l-proċeduri amministrativi meħtieġa f’każ bħal dak tal-benefiċċju li kien jirrigwarda lill-appellat;

Illi, fil-qosor, il-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti proċesswali juru li George Muscat kien beda jingħata l-benefiċċju għall-mard għall-ħabta ta’ Mejju tal-1999 wara li waqa’ fi stat ta’ ansjeta’. F’Ottubru tal-1999, siefer minn Malta lejn l-Indja u dam hemm sa Diċembru, 1999. Wara li ġie lura Malta sar jaf li d-Direttur appellant kien qatagħha li, għaż-żmien li huwa dam barra minn Malta, ma jawtorizżax il-ħlas tal-benefiċċju ladarba ma ntbagħtux ċertifikati mediċi kif preskritt. Ħamest ijiem wara li ġie lura Malta, Muscat kiteb ittra[2] lid-Direttur biex ifisser iċ-ċirkostanzi tal-mawra tiegħu fl-Indja. Mal-ittra hemeż ukoll ċertifikat mediku[3]. Fis-27 ta’ Marzu, 2000[4], Muscat ressaq għal quddiem l-Arbitru appell mid-deċiżjoni meħuda mid-Direttur. Matul is-smigħ, inqala’ episodju fejn l-Arbitru ordna l-ħatra ta’ bord mediku li jinkludi fih psikjatra biex jeżamina lil Muscat. Għal dan l-ordni, d-Direttur ressaq oġġezzjoni. L-Arbitru ikkonferma l-ordni tiegħu għall-ħatra ta’ Bord Mediku b’deċiżjoni interlokutorja mogħtija fid-19 ta’ Jannar, 2001[5]. L-Arbitru ta’ d-deċiżjoni tiegħu finali fl-20 t’April, 2001. Id-Direttur ressaq appell minn dik id-deċiżjoni fis-6 ta’ Ġunju, 2001;

Illi l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar il-mertu tal-appell iridu jintrabtu mal-aggravji mressqin mid-Direttur appellant. Jidher li l-appellant għadu jisħaq fuq in-nuqqas ta’ ħarsien tad-dispożizzjonijiet tal-liġi min-naħa tal-Arbitru. L-oġġezzjoni li kien ressaq id-Dipartiment kontra l-ordni

[2] Paġ. 24 tal-proċess
[3] Paġġ. 25-6 tal-proċess
[4] Paġ. 30 tal-proċess
[5] Paġġ. 10-2 tal-proċess

tal-Arbitru għall-ħatra ta' bord mediku[6] turi fid-dieher id-differenza bejn il-pożizzjoni meħuda mid-Direttur u dik meħuda mill-Arbitru. Il-Qorti tinnota li din id-differenza ta' veduti tikkostitwixxi s-sinsla tal-appell preżenti;

Illi, qabel xejn, trid tiġi indirizzata l-eċċezzjoni ewlenija mressqa mill-appellat fit-Tweġiba tiegħu. Huwa jisħaq li l-appell ma hux fuq punt ta' liġi iżda fuq materja ta' fatti u għalhekk din il-Qorti għandha tiċħad l-appell. Jidher li din l-eċċezzjoni hija mibnija fuq il-fehma li appelli mid-deċiżjonijiet tal-Arbitru huma ammissibbli biss sakemm jittrattaw punt ta' dritt jew prinċipju ta' siwi. Mingħajr ma l-Qorti toqgħod tidħol b'reqqa fuq il-kwestjoni, li ġiet sewwa mistħarrġa u studjata minn din il-Qorti (diversament presjeduta)[7], tgħid biss li tali fehma ma tirriflettix dak li trid il-liġi kif inhi llum. Għal appell minn deċiżjoni tal-Arbitru, mhuwiex meħtieġ li l-parti li tappella – kemm jekk tkun il-benefiċjarja kif ukoll jekk tkun id-Direttur – ssejjes l-appell tagħha fuq punt ta' dritt jew prinċipju ta' siwi. Dik il-kwalifika tapplika fil-każ ta' appelli **lill**-Arbitru[8], imma mhux ukoll ta' appelli **minn** deċiżjonijiet tal-Arbitru għal quddiem din il-Qorti[9]. Għalhekk, għal dan ir-rigward, l-eċċezzjoni tal-appellat ma tistax tintlaqa';

Illi l-appellant jgħid li, biex wieħed iqis is-siwi tad-deċiżjoni li huwa kien ħa, ma jgħoddx x'kienet il-qagħda medika tal-benefiċċjarju, daqskemm jgħodd il-ħarsien min-naħa tal-benefiċjarju tal-proċedura stabilita biex ma jitlifx il-jedd għall-benefiċċju. Dan l-argument jitlob li ssir riferenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi. Il-kriterji li bihom persuna tista' titlob il-Benefiċċju għal Mard huma mfissrin b'dettal fl-artikolu 18 tal-Att. Il-ħlas m'huwiex awtomatiku, u l-liġi[10] trid li ssir (a) talba lid-Direttur mill-persuna li tippretendi l-jedd għall-benefiċċju u kif ukoll (b) it-tressiq ta' dokumentazzjoni li sseddaq it-talba. Huwa maħsub ukoll[11] kif isir il-ħlas. Il-liġi ma tonqosx li taħseb x'għandu jsir meta l-benefiċċjarju jkun assenti minn Malta[12]. Hija

[6] Paġ.18 tal-proċess
[7] App. Inf. **16.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Rota vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali***
[8] Art.108(1) tal-Kap 318
[9] Art.109 tal-Kap 318
[10] Art. 97(1) tal-Kap 318
[11] Art. 98(1) tal-Kap 318
[12] Art. 92(1) tal-Kap 318

ħaġa minn ewl id-dinja li l-qagħda fiżika u l-kundizzjoni ta' saħħa tal-benefiċjarju huma ta' siwi wkoll wara li jkun ġie approvat il-ħlas, u dan biex jiġi stabilit jekk il-ħlas għandux jitkompla. Dan isir b'aċċertamenti minn żmien għal żmien;

Illi kif sewwa josserva l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, il-fatt waħdu li benefiċċjarju jkun barra minn Malta għal xi żmien limitat ma jwassalx minnu nnifsu għat-telfien tal-jedd għall-Benefiċċju. Il-jedd jibqa' fis-seħħ sakemm jitħarsu r-rekwiżiti speċifiċi mfissrin mil-liġi. Fil-każ partikolari, il-jedd għall-benefiċċju ma jintilifx jekk kemm-il darba l-persuna tipprova għas-sudisfazzjon tad-Direttur li n-nuqqas tagħha minn Malta kien marbut mal-kura medika tagħha dwar dik il-marda li tagħha tingħata l-Benefiċċju[13]. Huwa naturali wkoll li l-proċedura li trid tiġi mħarsa minn benefiċjarju li jkun qiegħed f'Malta m'hijiex l-istess bħal dik li għandha tiġi segwita minn benefiċjarju li jkun barra minn Malta. Ħaġa waħda li toħroġ ċara u ċerta mil-liġi hija li l-assenza tal-benefiċjarju minn Malta ma tistax ma tkunx marbuta ma' l-kura medika dwar dik il-marda partikolari, jekk kemm-il darba l-benefiċjarju ma jridx li jitlef il-jedd għall-Benefiċċju;

Illi għalkemm ma jirriżultax mill-atti proċesswali meta tassew ittieħdet id-deċiżjoni mid-Direttur appellant li jżomm il-ħlas tal-Benefiċċju għaż-żmien li l-appellat kien barra minn Malta, jidher li l-appellat kien ġie mgħarraf xi ftit jiem wara li daħal lura Malta. Il-Qorti tinnota li l-kopja tal-inkartament li tressaq mill-appellant ma fihiex kulma sar matul il-proċediment tal-Arbitru, u filwaqt li dan xejn m'huwa rakkomandabbli, ipoġġi lill-Qorti f'qagħda li ma tistax tasal għad-deċiżjoni tagħha jekk mhux fuq tagħrif mhux sħiħ. Wieħed mill-elementi li l-Qorti ma ssibx fl-inkartament u li minn kliem il-liġi għandu siwi bla qies għad-determinazzjoni tal-kwestjoni hu x'għamla ta' talba għamel l-appellant lill-appellat biex iressaq dokumentazzjoni xierqa biex jispjega l-assenza tiegħu minn Malta. Dan qiegħed jingħad għaliex il-liġi trid li d-Direttur jingħata tagħrif għas-sudisfazzjon tiegħu. Jekk fl-atti ma jidhirx x'għamla ta' tagħrif talab id-Direttur, kif jista'

13 Art. 92(1)(ii)

jingħad li l-appellat naqas milli jipprova kif imiss raġuni siewja għan-nuqqas tiegħu minn Malta ? ;

Illi, min-naħa l-oħra, l-*panel* mediku maħtur mill-Arbitru[14] laqa' l-kontenut taċ-ċertifikat mediku ippreżentat mill-appellat bħala prova tajba biżżejjed biex twettaq il-vot tal-liġi biex il-jedd għall-Benefiċċju ma jintilifx. Dik il-fehma tikkostitwixxi fatt li fuqu l-Arbitru seta' jimxi għad-deċiżjoni tiegħu, u jidher li, fil-fatt hekk għamel. Dan kien fil-limiti tas-setgħat mogħtijin lilu bil-liġi stess. U jista' jiżdied jingħad li għalkemm ma hemm xejn x'iżomm illi ssir il-prova li tkun meħtieġa biex jiġu apprezzati aħjar il-fatti tal-każ, ma jfissirx li l-Arbitru kellu xi obbligu li jmexxi huwa l-ġbir tal-aħjar provi tal-partijiet, jekk kemm-il darba bil-provi li kellu quddiemu seta' jasal għal deċiżjoni *iuxta allegata et probata*[15];

Illi l-appellant jargumenta b'insistenza li l-Arbitru ma messu qatt aċċetta bħala siewi u determinanti ċ-ċertifikat mediku *ex parte* għaliex dan ma kienx magħmul minn persuna medika barranija u lanqas kien jagħti tagħrif dwar l-għamla ta' kura li l-appellat ingħata b'rabta mal-marda li tagħha huwa kien jingħata l-Benefiċċju. Daqstant ieħor jisħaq li r-raġuni vera li għaliha l-appellat mar l-Indja ngħatat mill-appellat innifsu, u din turi b'mod ċar li ma kinitx marbuta mal-kura tal-marda tiegħu. Filwaqt li l-Qorti tista' tapprezza l-argument tal-appellant, ma tistax tilqgħu jekk b'hekk tkun qegħda tindaħal biex tiddisturba d-diskrezzjoni wżata mill-Arbitru fl-apprezzament tal-provi min-naħa tiegħu. Għaliex jibqa' l-fatt li, tajjeb jew ħażin, l-Arbitru sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq konklużjoni – jiġifieri dik li l-mawra tal-appellat kienet tassew marbuta mal-kura ta-marda tiegħu – li tittraduċi l-apprezzament tiegħu ta' fatt kostatat mal-liġi applikabbli. Minbarra dan, l-Arbitru sata' jistrieħ fuq il-fehma tal-persuni mediċi li ikkonfermaw is-siwi probativ taċ-ċertifikat mediku;

Illi kien ikun mhux biss jedd imma dmir ta' din il-Qorti li tintervjeni kieku l-Arbitru wasal għal fehma li tmur kontra l-provi mressqa, jew għal fehma irraġonevoli fid-dawl tal-

---

[14] Minuta 3 f'paġ. 17 tal-proċess
[15] App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Spiteri vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali***

provi li kellu quddiemu. Imma, kif ingħad diġa', hija l-fehma ta' din il-Qorti li d-deċiżjoni appellata m'hix milquta min nuqqasijiet ta' din l-għamla u għalhekk ma jeżistux l-estremi biex dak li ddeċieda l-Arbitru jitħassar. Inqas u anqas ma tidher li hija milquta bin-nuqqasijiet li l-appellant jallega bħala aggravji tiegħu f'dan l-appell;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mid-Direttur għas-Sigurta' Soċjali mid-deċiżjoni tal-Arbitru tal-20 t'April, 2001, u tikkonferma l-istess deċiżjoni; u

**Tordna** lill-appellant li jħallas l-ammont ta' Benefiċċju għal Mard miżmum għaż-żmien kollu li l-appellat kien 'il bogħod minn Malta, flimkien mal-ispejjeż ta' dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------